

Brussell, 28 ta' April 2025  
(OR. en)

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2025/0099(NLE)**

---

---

8352/25  
ADD 1

**POLCOM 77  
SERVICES 20  
FDI 6  
COASI 57**

## **PROPOSTA**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	25 ta' April 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 183 final - ANNEX
Suġġett:	ANNEX ta' Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat għall-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim ta' Kummerċ Fieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand, fir-rigward tal-emendi għal dak il-Ftehim dwar il-prinċipji u d-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 183 final - ANNEX.

---

Mehmuż.: COM(2025) 183 final - ANNEX.



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 25.4.2025  
COM(2025) 183 final

ANNEX

ANNEX

ta'

**Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitatt għall-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand, fir-rigward tal-emendi għal dak il-Ftehim dwar il-prinċipji u d-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol**

## ANNEX

### Abbozz DEĊIŻJONI Nru XX/2025 tal-Kumitat għall-Kummerċ

ta' XX/XX/2025

**li temenda l-Artikolu 19.3(3) u (5) dwar l-emenda tad-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol u ż-żieda ta' ambjent tax-xogħol sikur u tajjeb għas-saħħa mal-prinċipji u d-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol**

#### **Il-Kumitat għall-Kummerċ,**

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand (minn hawn 'il quddiem, "il-Ftehim"), u b'mod partikolari l-Artikolu 19.3(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-110 Konferenza Internazzjonali dwar ix-Xogħol adottat r-Riżoluzzjoni I fl-10 ta' Ġunju 2022, dwar l-inklużjoni ta' ambjent tax-xogħol sikur u tajjeb għas-saħħa fil-qafas tal-prinċipji u d-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO).
- (2) L-Artikolu 19.3(4) jipprevedi li mhux aktar tard mill-ewwel laqgħa tiegħu il-Kumitat għall-Kummerċ jista' jadotta deċiżjoni biex jemenda l-Artikolu 19.3(3) biex jirrifletti ż-żieda ta' ambjent tax-xogħol sikur u tajjeb għas-saħħa mal-prinċipji u d-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol f'konformità mad-deċiżjoni tal-110 Konferenza Internazzjonali dwar ix-Xogħol f'Ġunju 2022.
- (3) Għalhekk, jenħtieġ li l-Artikolu 19.3(3) jiġi emendat biż-żieda ta' ambjent tax-xogħol sikur u tajjeb għas-saħħa mal-prinċipji u d-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol. Jenħtieġ li r-referenza għad-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol fl-Artikolu 19.3(3) tiġi aġġornata għall-allinjament mal-emenda l-aktar reċenti tagħha.
- (4) Wara l-emenda għall-Artikolu 19.3(3), id-dikjarazzjoni fin-nota f'qiegħ il-paġna tal-Artikolu 19.3(5) li l-Istati Membri kollha rratifikaw il-konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO ma għadhiex valida. Għalhekk jidher xieraq li titħassar in-nota f'qiegħ il-paġna fl-Artikolu 19.3(5).

#### **ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:**

##### *Artikolu 1*

L-Artikoli 19.3(3) u (5) huma emendati, kif stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

##### *Artikolu 2*

L-emendi stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni għandhom jidħlu fis-seħħ fl-ewwel jum tas-sitt xahar wara d-data li fiha l-Partijiet jiskambjaw notifikati bil-miktub li jiċċertifikaw li lestew ir-rekwiżiti u l-proċeduri legali applikabbli rispettivi tagħhom għad-dħul fis-seħħ tal-emendi.

Magħmul f'żewġ kopji bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Frañċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bl-Ispanjol, bl-Iżvediż, bil-Kroat, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bin-Netherlandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bit-Taljan u bl-Ungeriż, b'kull test ugwalment awtentiku.

Magħmul fi Brussell u f'Wellington, [daħħal id-data]

*Għall-Kumitat għall-Kummerċ*

*Il-Kopresidenti*

-----

-----

L-Artikolu 19.3(3) huwa emendat kif ġej:

- (1) Wara l-kliem “fis-86 Sessjoni tagħha u fis-Segwitu tagħha,” jiżdied il-kliem “kif emendat fil-110 Sessjoni tagħha fl-2022”.
- (2) Fil-punt (c), wara l-kliem “l-abolizzjoni effettiva tat-tħaddim tat-tfal”, il-kelma “u” titħassar.
- (3) Fil-punt (d), wara l-kliem “l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni fir-rigward tal-impjeg u x-xogħol”, il-punt jitħassar u jiżdied dan li ġej “; u”.
- (4) Il-punt (e) jiżdied kif ġej:  
“(e) ambjent tax-xogħol sikur u tajjeb għas-saħħa.

l-Artikolu 19.3(5) huwa emendat kif ġej:

- (1) In-nota f’qiegħ il-paġna 1 “Il-Partijiet jinnotaw li l-Istati Membri kollha rratifikaw il-konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO.” titħassar.